MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-21 ta' April, 2008

Numru 1470/2007

IL-PULIZIJA
SPETTUR TEREZA SCIBERRAS
VS
ALLESSANDRO MAGGI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alessandro Maggi, ta’ 41 sena, imwieled fit-3 ta’ Gunju 1966, Attard, iben il-mejjet John u Mary nee’ Portelli, residenti f’ number ‘36’ Flat, number ‘2’ Wanderer Flat Triq il-Harifa, Bugibba, u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 236066M.

U akkuzat talli; fit-2 ta’ Dicembru 2007, f’xi hin bejn is-6:00 ta’ fil-ghodu u d-9:00 ta’ fil-ghodu gewwa San Pawl il-Bahar ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ martu Anastasia Maggi hekk kif kienet giet iccertifikata minn Dr. Ivan Micallef MD Reg. number 2322.

U akkuzat ukoll talli; fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi meta kien fil-pubbliku, kien qal xi kliem oxxen jew indecenti li kien ukoll jikkonsisti f'dagha u dan bi ksur ta' Artikolu 338(bb) u 342 ta' Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U akkuzat ukoll talli; fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament kisser il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta' Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli; fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi involontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghall-aktar minn hamsin lira (Lm50) u anqas minn elf lira (Lm1,000) ghad-dannu ta' terzi persuni.

U aktar talli; fit-2 ta' Dicembru 2007 u fil-granet ta' qabel, gab ruhu b'mod li ta fastidju lil persuna ohra u b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan ikun ta fastidju ghal dik il-persuna.

U akkuzat ukoll talli; f'diversi granet fit-2007 fil-gzejjer Maltin gab ruhu b'mod li bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa, subien jew bniet jew xi persuni ohra msemmija fil-Artikolu 222 (1).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.17) u dik ta' l-imputat (a fol.6) sabiex il-kas jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat (a fol.34);

Semghat il-konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti tat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi fuq l-istess amissjoni tieghu il-Qorti ssib l-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat Artikoli 221, 222(1), 338(bb), (dd) u 342, 328(d), tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat taht probation order ghal perijodu ta' sentejn taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. In oltre ai termini ta' l-Artiklu 412C tohrog kontra l-imputat 'protection order' sabiex il-familja ta' l-imputat tkun protetta kontra l-vjolenza ulterjuri mill-imputat liema 'protection order' ghandha tibqa' fis-sehh ghal perijodu ta' tlett snin. Din il-'protection order' inharget wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatturi kollha msemmija fl-Artiklu 412C (4) Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-piena inghatat wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatti pjuttost specjali ta' dan il-kas, inkluz il-fatt illi l-imputat izzewweg lil mara tieghu l-Malaysia u gabha Malta biex thalli l-passat taghha warajha u fl-isfond tal-problemi matrimonjali illi kienu qeghdin jifnu lil din il-familja.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------